



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

Diskors

Brussell, id-9 ta' Diċembru 2014
ECA/14/57

Diskors minn Vítor Caldeira, President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Preżentazzjoni tar-Rapporti Annwali 2013

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji)

Brussell, id-9 ta' Diċembru 2014

Id-diskors proprju jitqies b'hal awtentiku.
Il-verżjoni mitkellma għandha tiegħu preċedenza.

ECA Press

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

T: (+352) 4398 45410 M: (+352) 621 55 22 24

E: press@eca.europa.eu @EUAuditorsECA Youtube: [EUAuditorsECA](https://www.youtube.com/EUAuditorsECA) eca.europa.eu

President,

Ministri,

Viċi President tal-Kummissjoni Georgieva,

Għandi l-unur nippreżenta lill-Kunsill, ir-Rapport Annwali tal-Qorti dwar is-sena finanzjarja 2013.

Dan huwa mument importanti ta' bidla għall-Ewropa. Kummissjoni Ewropea ġdida qed tiffaċċja ħafna sfidi importanti.

Waħda mill-isfidi hija t-titjib tal-ġestjoni tal-baġit tal-UE. Dan għandhu tliet elementi prinċipali: l-infiq tal-flus disponibbli, l-iżgurar ta' konformità mar-regoli finanzjarji tal-UE, u l-kisba ta' riżultati siewja - u viżibbli - għaċ-ċittadini. *Omne trium perfectum*, kif jista' jgħid il-President tal-Kummissjoni Juncker.

Onorevoli Ministri,

Fil-bidu ta' dan il-perjodu ġdid ta' nfiq, ir-Rapport Annwali 2013 tal-Qorti jgħid li, b'mod kumplessiv, il-ġestjoni finanzjarja tal-UE għadha mhijiex tajba biżżejjed.

Fir-rigward tal-**infiq tal-baġit tal-UE**, fl-2013 saru pagamenti ta' aktar minn EUR 148 biljun mill-baġit tal-UE, kważi 99 % tal-massimu li kien disponibbli għas-sena.

Il-Qorti tikkonkludi li dawk it-tranżazzjonijiet ġew kontabilizzati b'mod xieraq fl-2013, li jfisser li issa vvalidajna opinjoni tal-awditjar "nadifa" dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-UE kull sena mill-2007 'l hawn.

Ma sibniex "toqba sewda" fil-kontijiet tal-UE, kif ġie deskritt f'ċerti rapporti tal-istampa. Dak li ninnutaw fir-rapport tagħna huwa li, minkejja l-livell għoli ta' pagamenti, it-total tal-obbligi finanzjarji pendenti tal-UE żdied b'EUR 9 biljun oħra għal EUR 322 biljun sa tmiem l-2013.

Aħna nenfasizzaw il-punt li dan huwa wieħed minn għadd ta' sinjali tal-pressjoni dejjem akbar fuq il-flussi tal-flus tal-UE. U huwa f'dan il-kuntest li aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni tanticiġpa nuqqasijiet potenzjali fil-finanzjament għall-programmi tal-UE billi ttejjji previżjonijiet xierqa tal-flussi tal-flus.

Huwa wkoll ir-raġuni għalfejn nappellaw lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-pagamenti u l-investimenti bil-quddiem mill-baġit tal-UE jirriflettu l-ħtiġijiet reali tal-flussi tal-flus. Eżempju li nagħtu huwa li inqas minn nofs l-EUR 14-il biljun li tħallsu għal **strumenti ta' inġinerija finanzjarja** mill-2007 'l hawn kienu fil-fatt waslu għand il-benefiċjarji finali sa tmiem l-2013.

Dan huwa wieħed mir-riskji tal-użu minn strumenti finanzjarji. Riskju ieħor huwa li aktar ma jiġu ingranati fondi pubbliċi, aktar jitbiegħdu l-flus mill-obbligu ta' rendikont pubbliku u mill-awditjar. Jekk ma jkunx hemm stabbiliti arranġamenti tajbin, hemm ir-riskju li l-istrumenti finanzjarji jagħmluha aktar diffiċli li wieħed jara fejn se jrin il-flus, jekk il-kundizzjonijiet għall-użu minnhom humiex qed jiġu ssodisfati, u x'riżultati qed jinkisbu.

Dan huwa punt li enfasizzajna mhux biss fir-rapport annwali tagħna iżda wkoll f'żewġ analiżijiet panoramiċi reċenti, waħda dwar il-lakuni fl-obbligu ta' rendikont pubbliku u tal-awditjar u l-oħra dwar ir-riskji għall-ġestjoni finanzjarja tal-UE.

U nerġa' nqajjem il-punt għal darb'oħra illum minħabba li huwa rilevanti ħafna fil-kuntest tal-Pjan ta' Investment għall-Ewropa li l-Kummissjoni ħabbret reċentement. Il-**Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi** l-ġdid fl-aħħar mill-aħħar se jserraħ fuq garanziji mill-baġit tal-UE għall-ġbir ta' finanzjament privat, u b'hekk il-prinċipji tat-trasparenza, tal-obbligu ta' rendikont u tal-awditu pubbliku għandhom jiġu rrispettati.

Ministri,

Il-baġit tal-UE jintnefaq iżda hemm wisq pagamenti li għadhom mhumiex f'**konformità mar-regoli**.

Il-Qorti tistma li r-rata kumplessiva ta' żball għall-pagamenti hija 4,7 % fl-2013, meta mqabbla ma' 4,8 % fl-2012. Din hija sinifikattivament ogħla mil-“livell limitu ta' materjalità” ta' 2 %, kif kien il-każ għas-snin kollha li l-Qorti awditjat il-kontijiet tal-UE.

Fl-2013, l-oqsma kollha ta' nfiq kienu milquta minn livell materjali ta' żball. L-unika eċċezzjoni kienet l-EUR 10,6 biljun li l-UE nefqet fuq l-amministrazzjoni tagħha stess.

Il-Qorti tistma li r-rata ta' żball hija ogħla għat-80 % tal-fondi tal-UE, fejn ir-responsabbiltà għall-ġestjoni hija kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Aħna nistmaw ir-rata ta' żball fil-ġestjoni kondiviża f'livell ta' 5,2 %, meta mqabbla ma' 3,7 % fl-oqsma l-oħra, li fil-biċċa l-kbira minnhom huma mmaniġġjati direttament mill-Kummissjoni. Kif jidher mill-analiżi addizzjonali fil-ħarsa ġenerali tagħna lejn l-infiq fil-qasam tal-koeżjoni u l-infiq agrikolu matul il-perjodu 2007-2013, il-Qorti ssib żbalji fl-Istati Membri kollha.

Azzjonijiet korrettivi mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet nazzjonali ċertament jgħinu biex iżommu r-rata kumplessiva ta' żball f'livell baxx, iżda l-evidenza tagħna tindika li jista' jsir ħafna aktar taħt l-arranġamenti attwali biex qabelxejn ma jsirux żbalji.

Pereżempju, fil-prinċipju, ir-rata ta' żball tal-Qorti fl-iżvilupp rurali setgħet tnaqqset minn 6,7 % għal 2,0 %, li kieku l-awtoritajiet nazzjonali kienu użaw l-informazzjoni kollha li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom qabel ma ppreżentaw klejms lill-Kummissjoni għar-rimborż.

Is-sorsi prinċipali ta' żball li l-awtoritajiet nazzjonali għandhom joqogħdu attenti għalihom huma l-istess bħal fis-snin preċedenti: klejms ineliġibbli, ksur serju tar-regoli tal-akkwist pubbliku, u dikjarazzjonijiet skorretti ta' erjas agrikoli.

Fil-fehma tal-Qorti, il-prevenzjoni hija aħjar milli l-korrezzjoni minħabba li żbalji ta' regolarità bħal dawn iqiegħdu f'riskju wkoll l-effiċjenza u l-efettività tal-infiq tal-UE. Dan iwassalni għat-tielet messaggġ prinċipali fir-rapport annwali tagħna.

Ministri,

Fil-fehma tal-Qorti, il-manijers tal-finanzi fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali għandhom jiffukaw aktar fuq ir-riżultati meta jonfqu flus l-UE.

Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, il-fokus kien primarjament fuq l-infiq tal-flus disponibbli, it-tieni nett fuq il-konformità mar-regoli, u biss wara dan – u sa punt kumparattivament limitat – fuq il-**kisba ta' riżultati**.

Dan jirrifletti karatteristika fundamentali tal-arranġamenti tal-ġestjoni baġitarja tal-UE. Uffiċjali fil-livell tal-Istati Membri u f'dak tal-UE kienu taħt pressjoni konsiderevoli biex jonfqu, għax inkella jistgħu jtilfu l-finanzjament, iżda kellhom nuqqas ta' inċentivi ekwivalenti biex jiksbu riżultati bil-flus.

Jeħtieġ li dan jinbidel matul il-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid. Ir-rapport annwali tagħna jipprovdi ħafna eżempji, li nsiltu minn fost id-19-il rapport speċjali li l-Qorti adottat fl-2013, biex jintwera kif fokus aħjar fuq ir-riżultati jista' jsaħħaħ il-prestazzjoni.

Il-Kummissjoni wriet ir-rieda tagħha li timxi minn kultura ta' nfiq lejn kultura ta' prestazzjoni. Tliet elementi huma meħtieġa biex jinkiseb suċċess:

- L-ewwel nett, impenn ġenwin, fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali, għall-kisba tal-aħjar riżultati possibbli b'fondi limitati tal-UE.
- It-tieni nett, miri adatti għall-kisba tar-riżultati kif ukoll informazzjoni affidabbli dwar il-progress lejn il-kisba tagħhom; u
- It-tielet nett – u l-aktar importanti - inċentivi għall-ippremjar ta' prestazzjoni tajba u sanzjonar ta' prestazzjoni ħażina.

Fl-istess ħin, ir-riżultati kumplessivi li jinkiseb bi flus l-UE jistgħu - u għandhom - ikunu aktar viżibbli. F'dan ir-rigward, il-Qorti tirrakkomanda li, fir-rapport annwali ta' evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni

ttejjeb il-kopertura mogħtija lill-valur miżjud Ewropew tal-baġit tal-UE u lill-kontribut li dan jagħmel lejn il-kisba tal-miri tal-istrategġija ta' Ewropa 2020. Aħna ninnutaw ukoll li l-abbiltà tal-Kummissjoni li tagħmel dan se tiddependi - sa punt konsiderevoli ħafna - mill-kwalità tal-informazzjoni li tkun disponibbli fil-livell nazzjonali.

President, ministri,

It-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE mhuwiex biss dwar l-għażla bejn l-infiq tal-flus, il-konformità mar-regoli, u l-kisba ta' riżultati. Huwa dwar li jirnexxilna nagħmlu t-tlieta f'daqqa.

Nafu li dan mhuwiex sempliċi. Aħna nenfasizzaw ir-riskji involuti fl-analiżi panoramika tagħna dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-UE. Madankollu, il-kompitu jkun eħfef li kieku l-baġit tal-UE kien aktar manigġġabbli, b'inqas prijoritajiet ta' nfiq, b'objettivi aktar ċari u b'arranġamenti aktar sempliċi għall-infiq tal-flus. Dawn huma t-tagħlimiet ewlenin tal-perjodu baġitarju 2007 sa 2013. Kif nittama li juri x-xogħol tagħna wkoll, il-Qorti hija impenjata bis-sħiħ li tassisti lill-Kunsill, lill-istituzzonijiet oħra tal-UE, u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex itejbu l-ġestjoni finanzjarja u l-obbligu ta' rendikont tal-UE matul il-perjodu baġitarju attwali.

Grazzi tal-attenzjoni tagħkom.